MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Numru. 707/1998

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ALEXANDRA MAMO**

**KONTRA**

**ALEXANDER CHIRCOP ta' 64 sena iben il-mejjet Saviour u Kurry nee' Sky, imwieled Senglea nhar is-27 ta' Frar, 1948, residenti fil-fond Flat B7, Remo, Triq Temi Zammit, Tarxien, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 256048M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Alexnader Chircop** li gie akkuzat talli f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' aktar minn Lm17,164.00 ghad-dannu tas-socjeta' Forestals Building Materials and Services Ltd, General Plastics Ltd, Carmelo Gauci Ltd, Bank of Valletta, u persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli sar recidivi ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 2, datata 07.10.1996, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

c. U kif ukoll talli huwa kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Awla 5, datata 07.10.1996.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Novembru, 1998, l-imputat iddikkjara li ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Rat li fis-seduta ta' nhar it-28 ta' Lulju, 2006, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni regghet giet ri-affermata.

Ikkunsidrat id-diversi pagamenti gia' affettwati.

Semghet ghal diversi drabi lil Paul Gauci, rapprezentant tas-socjetea' Carmelo Gauci Ltd.

Illi din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi mputat **Alexander Chircop** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront

tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 308, 309, 310, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal sena u nofs habs sospizi ghal 3 snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna lil Alexander Chircop ihallas is-somma ta' €5,000 lis-socjeta' Carmelo Gauci Ltd (jew rapprezentant taghha) fi zmien sitt xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------